MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Numru 357/2007

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Khallouf Fatiha

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru (322096m) akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Dicembru 2000, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi

foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi Lm1000 ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u diversi persuni ohra;

2. sabiex tikseb xi vantagg ghaliha nnifisa jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat taghrif falz;

3. bl-iskop li takkwista xi hlas taht l-Att dwar is-Sigurta’ Socjali kemm ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor jew ghal xi skop iehor li ghandu x’jaqsam ma’ l-Att dwar is-Servizzi Socjali:

i. xjentement jew bi traskuragni ghamlet dikjarazzjoni falza jew uriet haga b’ohra;

ii. gabet jew tat jew ikkagunat jew geghlet jew xjentement halliet illi jingieb jew jinghata dokument jew taghrif li kienet taf li kien falz f’haga materjali; jew

iii. bi frodi naqset li tirrapporta lid-Direttur tas-Servizzi Socjali qabel ma irceviet il-hlas xi bidla fic-cirkostanzi li ghandha jew tista jkollha konsegwenza materjali fuq ammont jew fuq il-mod kif jinghata dak il-pagament;

4. taht l-Att dwar is-Servizzi tal-Impieg u Tahrig:

i. tat xi taghrif li kienet taf f’xi punt important jew minghajr ma kien jimpurta tat xi taghrif li jkun falz f’xi punt important; jew

ii. bil-hsieb li tinganna ipproduciet, tat, bghatet jew xort’ohra ghamlet uzu minn xi dokument li jkun falz f’xi punt important jew;

iii. ghax riedet, irrifjutat li taghti jew minghajr raguni legittima (li l-prova taghha hi ghak-kariga taghha) ma tatx xi taghrif important.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li bih bghat l-imputata biex tigi ggudikata dwar il-htija jew nuqqas ta’ htija skond l-artikoli tal-ligi minnu citati;

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellix opposizzjoni li l-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-imputata;

Ikkonsidrat:

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-imputata qeghdha tissolleva d-difiza tal-preskrizzjoni, li hi eccezzjoni perentorja li jekk timmanifesta, testingwi l-azzjoni kontra taghha u t-temm dawn il-proceduri kriminali kontriha. Hu ben risaput li din l-eccezzjoni tista’ tinghata f’kull stadju tal-proceduri, imqarr fl-appell, u li f’kawzi ta’ indole kriminali u obbligu tal-qorti li tissolevha u tapplikha.

Trattata din l-eccezzjoni l-punt tat-tluq hu meta l-imputata giet notifikata bl-akkuza. Fl-atti tal-kawza ma tinstab ebda riferta ta’ notifika dwar meta l-imputata giet notifikata pero’ tirrisulta d-data tal-presentata tal-kompilazzjoni fir-registru tal-qorti. Din taqra l-20 ta’ April 2007 u fl-ahjar ipotesi ghall-prosekuzzjoni l-perjodu preskrittiv gie interrot f’din id-data ossija mal-presentata tal-att akkuzatorju.

Intant, l-allegati reati jinghad li sehhew f’dawn il-Gzejjer bejn l-1 ta’ Jannar 1998 u l-31 ta’ Dicembru 2000. Igifieri hemm interval ta’ zmien ta’ seba snin u kwazi erba xhur bejn l-allegat kommissjoni tar-reati u l-presentata tac-citazzjoni. Dan il-lass ta’ zmien ghandu l-konsegwenzi drastici tieghu mill-lat preskrittiv fis-sens li l-akkuzi jew ahjar kull wahda minnhom taqa’ f’kaz li t-terminu ta’ preskrizzjoni huwa inqas miz-zmien li iddekorra bejn l-allegat kommissjoni tar-reat u l-perjodu ta’ preskrizzjoni sancit mill-ligi fil-konfront ta’ kull wiehed mir-reati dedott. L-anqas m’hi il-Qorti qeghdha tirrijavvisa xi fattur li setgha jissospendi jew bih inkisser t-terminu preskrittiv ai termini tal-ligi jew ukoll xi raguni l-ghala l-perjodu preskrittiv ma bediex jghaddi mill-31 ta’ Dicembru 2000.

Ikkunsidrat f’dan l-istadju t-terminu preskrittiv applikabbli u relattiv ghal kull imputazzjoni, jinghad, li l-Qorti ezaminat u irricerkat dak li d-difza ssottomettiet fin-nota ta’ sottomissjoni taghha fuq dan il-punt. A skanz ta’ ripettizjoni, tghid li d-difiza trattat esawrientement u b’mod

lucidu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fid-dawl ta’ kull wiehed mir-reati adebitti lill-imputata. Minn dan ghandu jirrisulta li l-preskrizzjoni tolqot lil kull akkuza li ngabet fil-konfront tal-imputata.

Konsegwentement, qeghdha tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difza u tiddikjara l-azzjoni estinta u dan fir-rigward kull reat addebitat lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------